# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 35**

**Rikors Numru 289/09 AE**

**Michael Zammit**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana llum Direttur Generali (Dwana)**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-14 ta' Marzu 2013 illi permezz taghha laqghet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u cahdet it-talbiet attrici.

Il-Qorti msemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod:

“Permezz ta’ rikors prezentat fit-23 ta’ Marzu 2009 ir-rikorrent qieghed jitlob li jinghata lura d-dghajsa *‘Jane S’* li nqabdet mill-intimat permezz ta’ nota ta’ qbid numru 27/2009 datata 11 ta’ Marzu 2009. L-intimat isostni li r-rikorrent kien qieghed igorr fuq id-dghajsa hamsin (50) kartuna sigaretti li fihom kien hemm ghaxar pakketti b’ghoxrin sigarett kull pakkett, b’kollox hames (500) mitt pakkett. Skond in-nota ta’ qbid numru 26/2009 li tirreferi ghas-sigaretti, jinghad li kellhom valur ta’:-

“- €1,095 ammont ta’ dazju tas-sisa;
“- €167.04 dazju ta’ importazzjoni;
“- €279.37 taxxa fuq il-valur mizjud;

“li ma thallsux. Permezz ta’ ittra datata 16 ta’ Marzu 2009 ir-rikorrent ta avviz lill-intimat sabiex jinghata lura d-dghajsa Jane S 08383 minhabba li *“...ma kellu x’jaqsam xejn ma’ din is-sejba ta’ sigaretti.”*.

“Ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 73 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37). Jirrizulta li xi zmien wara d-dghajsa kienet giet rilaxxata izda r-rikorrent kellu jipprovdi garanzija ta’ hamsa u erbghin elf ewro (€45,000), li l-qorti qeghda tifhem li saret skond l-Artikolu 72(4) tal-istess ligi.

“L-intimat wiegeb li:-

“1. Il-qbid tad-dghajsa hu regolari u skond il-ligi peress li d-dghajsa kienet qeghda tintuza biex jingarru sigaretti li fuqhom ma thallasx dazju.
“2. L-agir ta’ min kien qieghed isuq id-dghajsa Jane S kien juri bic-car li kienet ghaddejja attivita’ irregolari, tant li nstabu s-sigaretti.
“3. Jekk id-dghajsa kienet il-mezz ta’ garr tal-oggetti li fuqhom ma thallasx dazju, allura d-dghajsa hi soggetta ghall-konfiska.

“L-Artikolu 68 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37) tipprovdi:-

> ***“****Il-bastimenti, il-vetturi jew mezzi oħra ta’ ġarr, flimkien maż-żwiemel jew annimali u ħwejjeġ oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fittiżmim, fil-ħabi, jew* ***fil-ġarr ta’ oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas*** *jew li jkunu, taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu kkonfiskati”.*

“L-azzjoni tar-rikorrent hi bazata fuq it-tezi li ma kellux x’jaqsam mas-sigaretti u li nstabu l-bahar. Ghalhekk il-kontestazzjoni hi limitata dwar min ghandu jitwemmen:-

“1. Ir-rikorrent li xehed li fuq id-dghajsa tieghu qatt ma kien hemm is-sigaretti; jew

“2. Ix-xhieda li ressaq l-intimat li xehedu li taw verzjoni opposta ghal dik li ta r-rikorrent ?

“Id-determinazzjoni tal-vertenza tiddependi interament mill-kredibilita’ tax-xhieda. Ghalkemm inghataw zewg verzjonijiet li jikkontradixxu lil xulxin, dan ma jfissirx li l-qorti ma ghandix taghmel il-konkluzjonijiet taghha. Il-qorti semghet lir-rikorrent u x-xhieda li ressaq l-intimat, Warrant Officer Carmel Spiteri, Is-surgent Emanuel Zammit u l-Ispettur James Grech, u m’ghandha l-ebda dubju li s-sigaretti kienu fuq id-dghajsa Jane S u li r-rikorrent tefa’ kollox il-bahar kif lemah id-dghajsa tal-Forzi Armati u qalulu biex jieqaf. Fin-nota ta’ sottomissjonijiet ir-rikorrent ghamel enfazi li x-xhieda li ressaq l-intimat ma kienux konsistenti. Il-qorti ma taqbilx. Warrant Officer Carmel Spiteri kien car u xehed b’mod konvincenti. Ripetutament qal li ra lir-rikorrent iwaddab xi haga l-bahar. Spjega wkoll kif mumenti wara gabbru mill-ilma kaxxa tal-kartun mgezwra f’lizar u fiha sabu l-kaxxi tas-sigaretti. Hu bizzejjed li qorti temmen dak li jghid xhud wiehed. Ghalkemm ir-rikorrent argumenta dwar: *“In-nuqqas ta’ kredibilita ta’ Warrant Officer Carmel Spiteri peress li jsostni li huwa cert li ra lil Michael Zammit jarmi gol-bahar kaxxa tas-sigaretti pero ma jistax jghid jekk kienx hemm bastimenti ohra fil-madwar.”*, dan m’ghandux mis-sewwa. Ix-xhud ma ftakarx jekk kienx hemm dghajjes marbuta mal-moll. Wiehed irid jiftakar li kien qieghed jixhed kwazi erbgha snin wara l-incident. Il-fatt li xhud ma jiftakarx xi dettalji ma jfissirx li m’huwiex kredibbli. Inoltre, ghalkemm ix-xhud qal, *“Nikkonferma li kif rajtu jitfa xi haga l-bahar l-istess ghamel siehbi....”* filwaqt li in kontro-ezami s-Surgent Emanuel Zammit qal li ma rax lir-rikorrent jitfa’ affarijiet il-bahar, b’daqshekk ma jfissirx li l-verzjoni li ta’ Spiteri m’ghandix mis-sewwa. Fl-ewwel lok Zammit xehed ukoll: *“Rajtu b’ghajnejja lil dan ir-ragel fuq din il-cabin cruiser johrog minn gol-kabina u jitfa xi haga il-bahar.”*. Kompla jghid *“Dan l-oggett ma kienx zghir, kien kbir.”*. In kontro-ezami rega’ xehed: *“Kif ghidt rajtu jitfghu l-oggett il-bahar u tbaxxa meta tefghu.”*. Fit-tieni lok fil-fehma tal-qorti hemm indizji ohra li jikkonvincuha li kien ir-rikorrent li tefa’ l-kaxxa bis-sigaretti fil-bahar. Indizji li jikkoraboraw il-verzjoni li ta x-xhud Spiteri:-

“i. Ix-xhud iddikjara li *“L-oggett meta tellajnieh mill-bahar lanqas kien kollu imxarrab.”* (seduta tal-1 ta’ Novembru 2012). L-Ispettur James Grech, li mexxa l-investigazzjoni, kkonferma: *“Fuq l-art urewni kaxxa. Din kienet imgezwra f’lizar. Il-lizar kien nofsu imxarrab. Il-*

*parti ta' fuq kienet ghadha xotta. L-istes il-kaxxa li kien hemm f'dan il-lizar. Il-parti ta' taht kienet imxarrba, xotta il-parti ta' fuq."*. Dan jikkonferma li l-kaxxa ma kenitx ilha fil-bahar;

"ii. L-Ispettur James Grech qal li l-ufficjali tal-Forzi Armati involuti fil-kaz kienu kkonfermawlu li *"...raw xi haga tintrema fuq in-naha ta' wara."*. Dan ifisser li *a tempo vergine* l-ufficjali tal-Forzi Armati taw l-istess verzjoni.

"iii. Matul dak il-lejl ir-rikorrent kien ghamel xoghol ta' bunkering permezz ta' bunker Bawa 1. Waqt tfittxija li saret mill-pulizija, instabet kaxxa vojta ta' sigaretti L & M. Ir-rikorrent xehed: *"Illi dakinhar stess, il-Pulizija marru jfittxu wkoll fuq il-vapur tieghi BAWA 1, fejn kien hemm zewg bahrin ta' nazzjonalita' barranija li kienu impjegati mieghi, jisimhom Sunan u Tandel. Niftakar li lil dawn kienu sabulhom kartuna sigaretti, pero' niftakar ukoll illi dawn kienu hallsu l-multa fuq din il-kartuna u ghalhekk ma ttiehdux iktar passi kontrihom."* (ara affidavit). L-istess marka ta' sigaretti li **"b'kumbinazzjoni"** nstabu fil-kaxxa li l-ufficcjali tal-Forzi Armati gabbru mill-ilma u li wkoll ma kienx thallas dazju fuqhom;

"iv. Ghalkemm hu minnu li s-surgent Emanuel Zammit inizjalment xehed li kien ra lir-rikorrent iwaddab oggett fil-bahar u in kontro-ezami xehed li *"F'id is-Sur Zammit ma rajt l-ebda oggetti imma rajtu jitbaxxa"*, jibqa' l-fatt li ta l-istess verzjoni tal-kollega tieghu li:-

- Id-dghajsa Jane S kienet minghajr dawl;
- Id-dghajsa kienet ghaddejja min-naha ta' starboard tal-lancja tal-Forzi Armati;
- Ghalkemm Warrant Officer kien ghamel is-sinjal biex id-dghajsa tieqaf, baqghet ghaddejja minn ma' gembhom. Atteggjament ta' persuna li ghandha x'tahbi.

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u tichad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.**"

L-attur ghalhekk appella minn din is-sentenza u qed jitlob ir-revoka taghha u allura li jintlaqghu t-talbiet tieghu; l-appellat irrisponda billi jitlob il-konferma tas-sentenza.

**AGGRAVJI**

Essenzjalment l-appellant qed jitlob lil din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni differenti minn dik raggunta mill-ewwel Qorti a bazi tal-provi migbura. Isostnu li kellu jitwemmen hu u mhux ix-xhieda l-ohra minhabba li huwa kien konsistenti fix-xhieda tieghu fil-waqt li x-xhieda prodotti mill-konvenut kienu inkonsistenti u ma qablux bejniethom.

Il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li: "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*".

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, (10 ta' Jannar 1995) u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell (5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi mressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*". **Attard et v. Direttur tas-Sahha**, Qorti tal-Appell, (30 ta' Mejju 2014).

L-appellant l-ewwelnett jilmenta li f'kaz simili huwa difficli ghall-attur li jressaq il-provi meta l-kontro parti hija dipartiment tal-Gvern u allura l-Qorti ghandha tiehu dan il-fatt in konsiderazzjoni. Dan il-kuncett ma ghandu ebda fundament legali u l-kawza ghandha tigi deciza fuq il-binarji normali ta' kawza civili ossija fuq il-preponderenza tal-provi (aktar fis-sustanza milli fl-ghadd). F'gudizzju civili infatti il-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabbiltajiet. **Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, (25 ta' Frar 1952); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabbiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'* – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, Appell Inferjuri, (17 ta' Marzu 2003)".

Kif sewwa rrisponda l-appellat, l-appellant qed jippretendi illi ghaliex huwa dejjem innega kollox, ghandu jigi emmnut hu u mhux ix-xhieda l-ohra. Dan mhux il-kaz, anzi hemm diversi fatti li jwasslu lil din il-Qorti biex tikkondividi l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

L-ewwelnett l-appellant kien qed isuq il-lanca tieghu minghajr dawl ta' navigazzjoni – certament attegjament suspettuz ghall-ahhar meta kien id-dlam (il-hdax u nofs ta' bil-lejl – fol 30, deposizzjoni tal-appellant) fil-hin li gara l-kaz. Imbaghad ma obdiex l-ordni tal-membri tal-Forzi armati biex iwaqqaf il-lanca tieghu u meta eventwalment waqqaf tefa' kaxxa u drapp gol-bahar (dawn instabu gallegjanti bid-drapp nofsu xott ftit wara). Kollox ghalhekk juri attegjament suspettuz da parti tal-appellant li lanqas din il-Qorti mhux se tkun imqarrqa bih. Dan kollu jservi biex jaghti konfort u kredibbilita` lix-xhieda prodotti mill-intimat.

Kif sewwa qal l-appellant stess fir-rikors tal-appell tieghu, l-Artikolu 77 tal-Kap. 37 jghid li huwa l-persuna li taghmel it-talba ghar-rilaxx li ghandu jressaq il-prova li t-talba tieghu hija gustifikata; dan mhuwa xejn hlief applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura l'ghaliex – "*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*" kif jghid car u tond l-artikolu msemmi u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla (31 ta' Mejju 1972) **u Peter Paul**

**Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, (2 ta' Mejju 1995). Ma hemmx dubbju lanqas ghal din il-Qorti li l-appellant naqas li jikkonvinci lill-Qorti bil-provi li ressaq.

Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li ghandha tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 223 (4) tal-Kap. 12 - u cioe` li hija tista' tordna l-hlas doppji tal ispejjez **jekk thoss li l-appell huwa frivolu jew vessatorju**; tant huwa hekk hija tista' taghmel dan anke jekk ma ssir ebda talba ghal dan – kemm fir risposta tal-appell u lanqas fit trattazjoni orali.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tiddeciedi l-appell billi tichdu u tikkonferma s-sentenza appellata; l-ispejez tal-appell a kariku tal-appellant u tordna lill-appellant ihallas l-ispejjez doppji tal-appell kif appena msemmi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df